



Brussell, 29 ta' Frar 2024  
(OR. en)

7005/24

SOC 143  
EMPL 79  
JEUN 45  
EDUC 66  
SAN 122  
ECOFIN 261

**NOTA**

---

minn:	Il-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Il-prijoritajiet futuri tal-politika tal-Unjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali - Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali - Approvazzjoni

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-Opinjoni msemmija hawn fuq, bil-għan li tiġi approvata mill-Kunsill (EPSCO) fis-sessjoni tal-11 ta' Marzu 2024.

## **Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar il-prijoritajiet futuri tal-politika tal-Unjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**

### **Introduzzjoni**

- Fl-14 ta' Diċembru 2023, il-Ministri Spanjoli u Belġjani - bil-Presidenza tal-Kunsill tal-UE f'idejhom bejn nofs l-2023 u nofs l-2024 - stiednu lill-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) biex iħejju Opinjoni konġunta dwar il-prijoritajiet ta' politika futuri għall-Unjoni fl-oqsma koperti mill-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.** Ser issir riflessjoni dwar il-futur tal-politika tal-impjiegi u dik soċjali tal-Unjoni fil-Konferenza ta' Livell Għoli dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li ser tiġi organizzata f'La Hulpe fil-15 u s-16 ta' April 2024 u huwa ppjanat rieżami tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru għall-2025. F'dan il-kuntest, l-Opinjoni preżenti hija mħejjija għall-Kunsill f'konformità mal-kompetenzi tal-Kumitati, kif previst mill-Artikolu 150 u l-Artikolu 160 TFUE<sup>1</sup>.
- Wara l-proklamazzjoni tiegħu mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fl-2017, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali kien qed iservi bħala boxxla biex jipprovdi gwida fl-indirizzar tal-isfidi komuni tal-impjiegi, tal-ħiliet u soċjali, u biex irawwem il-konverġenza fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien fl-Unjoni.** Kif affermat mill-ġdid mill-Mexxejja tal-UE permezz tad-*Dikjarazzjoni ta' Porto* fl-2021, l-implimentazzjoni tal-Pilastru fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri hija impenn u responsabbiltà politika kondiviża, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi rispettivi tagħhom u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità<sup>2</sup>. L-20 prinċipju tal-Pilastru huma maħsuba biex jiġu implimentati filwaqt li jitqiesu l-kuntesti soċjoekonomiċi differenti, id-diversità tas-sistemi nazzjonali, u r-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali.

---

<sup>1</sup> Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 240 TFUE.

<sup>2</sup> Id-[Dikjarazzjoni ta' Porto](#) ġiet ipproklamata wara s-*Summit Soċjali ta' Porto* u l-laqqha relatata tal-Mexxejja tal-UE, li saret fis-7 u t-8 ta' Mejju 2021.

3. **Il-Pjan ta' Azzjoni ppreżentat mill-Kummissjoni fl-2021 stabbilixxa għadd ta' azzjonijiet tal-UE li l-Kummissjoni impenjat ruħha li tieħu biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Pilastru u stabbiliet il-miri ewlenin tal-UE għall-2030 li ntlaqgħu tajjeb mill-Kunsill Ewropew:** (i.) mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni ta' età bejn l-20 u l-64 sena f'impjiegi; (ii.) mill-inqas 60 % tal-adulti kollha jenħtieġ li jipparteċipaw fit-taħriġ kull sena; (iii.) u tnaqqis b'mill-inqas 15-il miljun fl-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, li minnhom mill-inqas ħames miljuni għandhom ikunu tfal<sup>3</sup>. Barra minn hekk, il-Kummissjoni pproponiet ukoll li tirrevedi t-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali - li mill-2014 kienet l-għodda kwantitattiva ewlenija għall-monitoraġġ tal-impjiegi, il-ħiliet u l-iżviluppi soċjali - biex tirrifletti aħjar il-prinċipji tal-Pilastru, bil-Kunsill japprova l-istruttura l-għdida tiegħu f'Ġunju 2021<sup>4</sup>. Biex jikkontribwixxu għall-miri tal-UE, fl-2022 l-Istati Membri kollha stabbilew ukoll miri nazzjonali korrispondenti għall-2030 bl-appoġġ tal-Kummissjoni<sup>5</sup>.

---

<sup>3</sup> [Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali](#) ġie ppubblikat mill-Kummissjoni fl-4 ta' Marzu 2021. Il-miri ewlenin tal-UE li jinsabu fih intlaqgħu tajjeb mill-Kunsill Ewropew fil-[konklużjonijiet tiegħu tal-24 u l-25 ta' Ġunju 2021](#). Il-Pjan ta' Azzjoni pprovda wkoll miri komplementari fil-livell tal-UE dwar it-tnaqqis tad-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, iż-żieda fil-forniment ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal formali, it-tnaqqis ta' żgħażagħ NEETs, iż-żieda fis-sehem ta' adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi, u t-tnaqqis tat-tluq bikri mill-edukazzjoni u mit-taħriġ.

<sup>4</sup> Ara l-[Opinjoni tal-EMCO u l-KPS dwar il-Proposta tal-Kummissjoni għal Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali Riveduta](#), approvata mill-Kunsill fl-14 ta' Ġunju 2021.

<sup>5</sup> Ara l-[Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar il-proċess tal-iffissar tal-miri nazzjonali għall-2030](#), ippreżentata lill-Kunsill fis-16 ta' Ġunju 2022.

## Kummenti ġenerali

4. **Mill-2017, il-Pilastru kien il-qafas ta' politika tal-UE biex jipprovdi orjentazzjonijiet komuni lill-Istati Membri dwar kif ifasslu azzjonijiet ta' politika u leġiżlazzjoni fil-livell nazzjonali, li jsarrfu d-drittijiet soċjali f'realtà u jiżguraw kundizzjonijiet ekwivalenti madwar l-Unjoni.** Filwaqt li jittieħed kont tan--natura komprensiva tiegħu, intlaħaq qbil dwar bosta inizjattivi tal-UE minn meta saret il-proklamazzjoni tal-Pilastru, b'Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill u strumenti mhux vinkolanti oħra li huma għodod xierqa u effettivi biex jipprovdu gwida lill-Istati Membri fl-oqsma ta' politika rispettivi, u d-Direttivi u r-Regolamenti tal-UE li għandhom impatt aktar dirett fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali. Il-monitoraġġ tal-Pilastru ġie integrat fis-Semestru Ewropew, b'mod partikolari bl-allinjament tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi mal-prinċipji tiegħu fl-2018. Minn dakinhar, dan ippermetta l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Pilastru permezz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi u t-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali msemmija hawn fuq, kif ukoll bħala kontribut għall-formulazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs) dwar l-impjiegi, il-ħiliet u l-isfidi soċjali, skont l-Artikolu 148 TFUE.

5. **Fi snin aktar reċenti, l-implimentazzjoni tal-Pilastru ġiet ikkontestata minn sensiela bla preċedent ta' kriżijiet, bħall-pandemija tal-COVID-19, ir-riperkussjonijiet tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-okkorrenza ta' inflazzjoni għolja.**

Minkejja dawn, fir-rebbiegħa tal-2023 ir-rata ta' impjeg tal-UE laħqet l-ogħla livell qatt irreġistrat ta' 75.4 % (70.2 % għan-nisa u 80.5 % għall-irġiel), il-qgħad naqas għal 6 % (6.3 % għan-nisa u 5.7 % għall-irġiel), u s-sehem ta' persuni friskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali baqa' ġeneralment stabbli bejn l-2019-2022 (21.6 % fl-2022). F'dan il-kuntest, l-istrumenti ta' emerġenza maqbula fil-livell tal-Unjoni bħall-*Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)*<sup>6</sup> u l-*Istrument Ewropew għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE)*<sup>7</sup> appoġġaw lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru permezz ta' miżuri konkreti tas-suq tax-xogħol u tal-politika soċjali biex ikun hemm irkupru malajr mir-reċessjoni ekonomika tal-2020 ikkawżata mill-pandemija tal-COVID-19, bl-involvement tas-sħab soċjali u f'kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili.

---

<sup>6</sup> L-RRF qed tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri kollha u ser tibqa' attiva sa Diċembru 2026. Skont it-[Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF](#), bħala medja, l-Istati Membri ddedikaw madwar 28 % tal-fondi tal-RRF tagħhom għall-appoġġ tal-oġettivi soċjali.

<sup>7</sup> B'mod ġenerali, SURE pprovda appoġġ lil 19-il Stat Membru sa Diċembru 2022, b'mod partikolari billi ħeġġeġ l-istabbiliment ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar b'firxa wiesgħa u ambizzjużi jew miżuri simili fil-livell nazzjonali. Skont ir-[rapport finali ta' implimentazzjoni ta' SURE](#) ppubblikat f'Ġunju 2023, f'konformità mal-evoluzzjoni tal-pandemija tal-COVID-19, SURE kopra madwar 31.5 miljun persuna fl-2020, 9 miljun persuna fl-2021 u 350,000 persuna fl-2022.

6. **B'ħarsa lejn il-futur, aktar progress fl-implimentazzjoni tal-Pilastru għandu jibqa' prijorità ewlenija għall-Unjoni u għall-Istati Membri attwali u futuri, peress li l-prinċipji tiegħu jkomplu jirrappreżentaw il-pedamenti biex jiġu nnavigati l-megatendenzi ekonomiċi u soċjetali, jiffasslu l-politiki relatati, tiġi promossa l-konverġenza soċjali 'l fuq fl-Unjoni - b'mod partikolari bi tkabbir ulterjuri tal-UE fuq l-orizzont - u jiġi appoġġat il-progress lejn il-miri tal-UE u dawk nazzjonali għall-2030.**
- Matul il-kumplessitajiet tat-tranżizzjoni diġitali, l-implimentazzjoni tal-prinċipji minquxa fil-Pilastru tippromwovi mhux biss id-drittijiet tal-ħaddiema fix-xenarju diġitali li qed jevolvi iżda wkoll l-opportunitajiet indaqs għat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, u protezzjoni soċjali u inklużjoni soċjali adegwati. Fil-kuntest tat-tranżizzjoni ekoloġika, il-Pilastru jenħtieġ li jsir boxxla għat-trawwim ta' tranżizzjoni ġusta, filwaqt li jiżgura li ħadd ma jitħalla jibqa' lura fl-insegwiment tas-sostenibbiltà ambjentali. Hekk kif iseħħu l-bidliet demografiċi, il-Pilastru jipprevedi qafas komprensiv għall-adattament tal-politiki biex jiġi promoss it-tixjiħ attiv u b'saħħtu u jiġu indirizzati l-ħtiġijiet diversi ta' forza tax-xogħol li qed tinbidel u popolazzjoni akbar fl-età, filwaqt li jiġu żgurati l-ġustizzja u s-solidarjetà interġenerazzjonali. Biex tinbena Unjoni ta' Ugwaljanza, il-Pilastru jippromwovi azzjonijiet favur l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-opportunitajiet indaqs u l-inklużjoni soċjali. F'dan il-kuntest, l-ġhadd kbir ta' inizjattivi tal-UE maqbula mill-2017 'l hawn ser jeħtieġu aktar traspożizzjoni u implimentazzjoni adegwata, kif ukoll monitoraġġ effettiv tal-effettività kontinwa tagħhom fid-dawl ta' ekonomiji u soċjetajiet li qed jinbidlu b'mod rapidu, filwaqt li - fejn xieraq - jiffokaw fuq it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi.

## Opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol

7. L-ewwel kapitolu tal-Pilastru kien qed ifassal b'mod effettiv il-politiki nazzjonali dwar l-impjiegi u l-ħiliet, filwaqt li jippromwovi opportunitajiet indaqs fis-suq tax-xogħol tal-UE u fl-Unjoni b'mod aktar wiesa':

- Il-*Garanzija għaż-Żgħażaġħ* (adottata oriġinarjament fl-2013 u mbagħad fil-verżjoni msaħħa tagħha fl-2020) kienet eżempju partikolarment pozzittiv ta' inizjattiva tal-UE li kapaċi tixpruna azzjonijiet konkreti fil-livell nazzjonali, inkluż mis-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi, biex jitjiebu l-prospetti tas-suq tax-xogħol għaż-żgħażaġh, u b'hekk ikkontribwiet għal tnaqqis fil-qgħad fost iż-żgħażaġh (minn 25.2 % fl-2013 għal 14.5 % fl-2022) u fis-sehem tan-NEETs (minn 16.4 % fl-2013 għal 11.7 % fl-2022) fl-Unjoni<sup>8</sup>.
- Il-programmi tal-impjiegi bbenefikaw ukoll mill-implimentazzjoni kontinwa tar-*Rakkomandazzjoni tal-2016 dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda*, li pprovdiet gwida dwar it-titjib tas-sensibilizzazzjoni u l-espansjoni tas-servizzi tal-impjiegi lejn il-persuni l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol, u b'hekk ikkontribwew għat-tnaqqis tal-qgħad fit-tul fl-Unjoni (minn 4.3 % fl-2016 għal 2.4 % fl-2022)<sup>9</sup>.

---

<sup>8</sup> [Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020](#) dwar *Pont għall-Impjiegi - It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ* u li tissostitwixxi r-[Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013](#) dwar *it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ*. Sa mill-ewwel rakkomandazzjoni, l-implimentazzjoni tal-*Garanzija għaż-Żgħażaġħ* ġiet ivvalutata regolarment mill-EMCO u s-sottogruppi tiegħu. L-aktar rieżami reċenti seħħ fl-20 u t-21 ta' Novembru 2023 u l-[Messaġġi Ewlenin](#) li rriżultaw ser jiġu approvati mill-Kunsill fil-11 ta' Marzu 2024.

<sup>9</sup> [Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2016](#) dwar *l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol*. L-implimentazzjoni tagħha ġiet immonitorjata regolarment mill-EMCO u s-sottogruppi tiegħu. L-aktar rieżami reċenti seħħ fl-14 ta' Novembru 2022. Il-[Messaġġi Ewlenin](#) li rriżultaw ġew approvati mill-Kunsill fit-8 ta' Diċembru 2022.

- Il-bosta azzjonijiet tal-*Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa 2020-2025* qed jikkontribwixxu għall-promozzjoni ta' kultura ta' taġġim tul il-ħajja u għat-tfassil ta' politiki ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid fl-Istati Membri. F'xi każijiet, wara r-Rakkomandazzjonijiet rispettivi tal-2022, l-introduzzjoni jew il-pilotaġġ ta' *kontijiet individwali tal-apprendiment*<sup>10</sup> u r-rikonoxximent tal-*mikrokredenzjali*<sup>11</sup> qed jipromwovu l-akkwist ta' ħiliet u kompetenzi fil-livell nazzjonali. L-*Aġenda għall-Ħiliet* wittiet ukoll it-triq għad-deżinjazzjoni tal-perjodu bejn Mejju 2023 u Mejju 2024 bħala s-*Sena Ewropea tal-Ħiliet*, li taħtha qed jiġu organizzati bosta attivitajiet fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali biex jikkontribwixxu għall-oġġettivi tal-*Aġenda għall-Ħiliet* u jipromwovu aktar mentalità ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet<sup>12</sup>.
- Aktar reċentement, ir-Rakkomandazzjoni tal-2022 *dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika* qed turi li hija katalist għall-koordinazzjoni tal-isforzi frammentati tal-Istati Membri fil-livell nazzjonali biex jiġu indirizzati l-aspetti tal-impjiegi u soċjali tat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż billi jitfasslu mill-ġdid il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u s-servizzi pubbliċi tal-impjiegi<sup>13</sup>.

<sup>10</sup> [Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022](#) *dwar kontijiet individwali tal-apprendiment*. L-implimentazzjoni tagħha ser tiġi mmonitorjata mill-EMCO u s-sottogruppi tiegħu għall-ewwel darba fl-2024.

<sup>11</sup> [Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022](#) *dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà*.

<sup>12</sup> [Id-Deċiżjoni \(UE\) 2023/936](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 *dwar Sena Ewropea tal-Ħiliet*. Sal-31 ta' Mejju 2025, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ta' valutazzjoni, li jinkludi ideat għal aktar sforzi komuni fil-qasam tal-ħiliet sabiex jinħoloq legat dejjiemi tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet.

<sup>13</sup> [Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022](#) *dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika*. L-implimentazzjoni tagħha ġiet immonitorjata mill-EMCO u s-sottogruppi tiegħu fis-26 u s-27 ta' Ottubru u mill-KPS fl-24 ta' Ottubru 2023, għall-ewwel darba. Il-[Messaġġi Ewlenin](#) li rriżultaw ġew approvati mill-Kunsill fis-27 ta' Novembru 2023.



- L-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE li tippromwovi aktar il-prinċipji tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs hija mistennija tkun ta' benefiċċju kemm għas-suq tax-xogħol kif ukoll għas-soċjetà inġenerali fl-Unjoni. B'mod partikolari, filwaqt li ġiet adottata biss reċentement, id-*Direttiva dwar it-trasparenza fil-pagi* tal-2023 diġà għandha rwol sinifikanti biex tixpruna l-isforzi nazzjonali għall-indirizzar tad-diskriminazzjoni fil-pagi u tikkontribwixxi biex jitnaqqsu d-differenzi bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa<sup>14</sup>.

**8. Minkejja l-eżiti b'saħħithom tas-suq tax-xogħol fl-Unjoni u l-impetu fuq il-promozzjoni tal-ħiliet, in-nuqqas kbir ta' ħaddiema, l-inugwaljanzi persistenti, u l-impatt inċert tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jistgħu jfixklu l-implimentazzjoni sħiħa tal-Pilastru.**

L-iskarsezzi qabdu xejra ta' żieda għal għaxar snin, bir-rata tal-postijiet tax-xogħol battala fl-Unjoni tiżdied minn 1.3 % fl-2013 għall-ogħla livell ta' 3 % fl-2022, fid-dawl tal-irkupru ekonomiku qawwi wara l-pandemija tal-COVID-19. Filwaqt li kienu qed jonqsu bi ftit fl-2023, in-nuqqas ta' ħaddiema għadu f'livelli storikament għoljin minħabba sfidi strutturali bħat-tnaqqis tal-forza tax-xogħol xprunat minn xejriet demografiki, il-parteciċipazzjoni baxxa persistenti fis-suq tax-xogħol ta' xi gruppi tal-popolazzjoni, l-ispariġġ fil-ħiliet, kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena u/jew pagi baxxi f'ċerti setturi<sup>15</sup>. Id-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi u fil-pagi għadhom imdaqqa wkoll fl-Unjoni, b'tal-ewwel nieqsa minn progress sinifikanti matul l-aħħar għaxar snin (bi tnaqqis żgħir biss minn 11.3 pp għal 10.7 pp bejn l-2013 u l-2022) u aggravati aktar mis-sehem dejjem ogħla ta' xogħol part-time fost in-nisa, xprunat ukoll minn aċċess limitat għal servizzi ta' kura ta' kwalità għolja. Minbarra dawn l-isfidi strutturali, it-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali progressiva tal-ekonomija tal-UE hija mistennija li twassal għal ħtiġijiet sinifikanti ta' riallokazzjoni u titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema fis-snin li ġejjin, għalkemm id-daqs u l-veloċità tagħha għadhom inċerti.

<sup>14</sup> [Id-Direttiva \(UE\) 2023/970](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li *ssaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar*. L-Istati Membri għandhom jitrasonu d-Direttiva sa Ġunju 2026.

<sup>15</sup> In-nuqqas ta' ħaddiema, inkluż l-ixprunaturi tiegħu, ġew diskussi b'mod estensiv fi ħdan l-EMCO bejn l-2022 u l-2023, inkluż matul laqgħa tripartitika tal-EMCO mal-UE u s-sħab soċjali nazzjonali li saret fit-28 ta' Novembru 2023. L-evidenza l-aktar reċenti hija disponibbli fir-*Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2024* u fit-[2023 Labour Market and Wage Developments report](#).

9. **Minkejja l-ħtieġa li jiġu indirizzati dawn l-isfidi billi ssir enfasi fuq l-implimentazzjoni ta' inizjattivi eżistenti, jista' jkun hemm lok għal aktar azzjonijiet tal-UE biex jappoġġaw lill-Istati Membri fit-twettiq tal-prinċipji ta' opportunitajiet indaqs u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol.** Pereżempju, fid-dawl tan-nuqqas mifruq ta' ħaddiema<sup>16</sup> u l-ispariġġ fil-ħiliet li jaffettwaw lill-Istati Membri kollha - u biex tiġi ffaċilitata applikazzjoni uniformi ta' dawn il-prinċipji fis-Suq Uniku, inkluż biex jakkumpanjaw it-tranżizzjoni doppja - huma meħtieġa azzjonijiet ulterjuri li jippromwovu mentalità ta' taġħlim tul il-ħajja. Bl-istess mod, l-esperjenza pożittiva ta' għaxar snin tal-*Garanzija għaż-Żgħażaġħ* kif ukoll l-azzjonijiet relatati mar-*Rakkomandazzjoni l-ġdida tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' qafas tal-ekonomija soċjali*<sup>17</sup> huma rilevanti biex jiġi esplorat kif jistgħu jiġu appoġġati aħjar dawk l-aktar 'il bogħod mis-suq tax-xogħol biex isibu opportunitajiet ta' impjieg. Barra minn hekk, lil hinn mill-attivazzjoni tal-forza tax-xogħol domestika, biex jiġu indirizzati aktar in-nuqqasijiet, id-dibattiti fil-livell tal-UE jistgħu jiffukaw fuq l-integrazzjoni kontinwa ta' persuni spostati mill-Ukrajna<sup>18</sup>, il-possibiltajiet li tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol intra-UE, u inizjattivi biex jiġi attirat talent barrani lejn l-UE fejn meħtieġ filwaqt li tiġi żgurata mobbiltà ġusta u jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet tax-xogħol u dawk soċjali<sup>19</sup>. Fl-aħħar nett, kemm l-*Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa* u l-*Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri* u strateġiji oħra tal-UE dwar l-ugwaljanza huma mistennija li jaslu fi tmiemhom fl-2025, u jitolbu li ssir riflessjoni dwar il-kisbiet taġħhom u tiġi evalwata l-ħtieġa possibbli għal strateġiji ġodda biex tiġi promossa l-bidla lejn it-taġħlim tul il-ħajja, jitlestew l-oqfsa tal-UE kontra d-diskriminazzjoni u kontra r-razziżmu u tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

<sup>16</sup> Fil-31 ta' Jannar 2024, wara s-[Summit Soċjali ta' Val Duchesse](#), il-Kummissjoni ħabbret li fir-rebbiegħa tal-2024 ser tippreżenta pjan ta' azzjoni f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali biex tindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet.

<sup>17</sup> [Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2023](#) dwar *l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' qafas tal-ekonomija soċjali*.

<sup>18</sup> Fl-4 ta' Marzu 2022, il-[Kunsill skatta d-Direttiva tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2021](#) ("*id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja*") b'reazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Id-Direttiva fiha dispożizzjonijiet li jiżguraw, fost l-oħrajn, l-aċċess għall-impjieg, l-edukazzjoni, l-assistenza soċjali, il-kura medika, u l-akkomodazzjoni, kif ukoll id-dritt ta' moviment liberu fl-Unjoni taħt ċerti kundizzjonijiet. Il-protezzjoni temporanja li oriġinarjament kienet valida sa Marzu 2024, ġiet estiża sal-4 ta' Marzu 2025 wara qbil mill-Kunsill f'Settembru 2023. Skont it-[Tbassir tal-Ħarifa 2023 tal-Kummissjoni](#), madwar 33 % tal-4.2 miljun irreġistrati fl-UE skont id-Direttiva s'issa sabu impjieg. Fl-2022, l-EMCO u l-KPS ikkoordinaw it-tweġibiet tal-Istati Membri għal sħarriġ inniedi mill-Kummissjoni biex jinġabru l-azzjonijiet li kienu qed jittieħdu fil-livell nazzjonali biex tiġi appoġġata l-integrazzjoni soċjali u fis-suq tax-xogħol ta' persuni spostati mill-Ukrajna.

<sup>19</sup> Fil-15 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni [pproponiet Regolament tal-UE li jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE](#). Bħalissa l-proposta qed tiġi eżaminata mill-koleġiżlaturi.

## Kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti

### 10. L-implimentazzjoni tat-tieni kapitolu tal-Pilastru kienet ikkaratterizzata minn taħlita ta' strumenti vinkolanti u nonvinkolanti li jipromwovu kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti fl-Istati Membri:

- Id-Direttiva tal-2019 dwar Kondizzjonijiet tax-Xogħol trasparenti u Prevedibbli għandha l-għan li tiggarrantixxi lill-ħaddiema kollha fl-UE d-drittijiet li jirċievu informazzjoni kompluta dwar aspetti essenzjali tax-xogħol tagħhom, irrispettivament mill-forma ta' impjeg tagħhom<sup>20</sup>.
- Id-Direttiva tal-2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw għandha l-għan li timmodernizza l-qafas legali tal-UE fil-qasam tal-liv relatat mal-familja u l-arranġamenti tax-xogħol flessibbli. Din kienet tinkludi dispożizzjonijiet legali li jintroduċu l-liv tal-paternità, it-tisħiħ tal-liv tal-ġenituri, l-introduzzjoni tal-liv tal-persuni li jindukraw, u l-estensjoni tad-dritt li jintalbu arranġamenti tax-xogħol flessibbli għall-ġenituri li jaħdmu u għall-persuni li jindukraw. Barra minn hekk, id-Direttiva kien fiha wkoll miżuri ta' politika mfasla biex jappoġġaw lill-Istati Membri bl-għanijiet li jinkiseb bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u responsabbiltajiet ta' indukrar imqassma b'mod aktar ugwali<sup>21</sup>.

---

<sup>20</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea. L-Istati Membri jridu jkunu ttrasponew id-Direttiva sa Awwissu 2022. Fl-2021 tħejja [rapport](#) dwar it-traspożizzjoni tagħha.

<sup>21</sup> [Id-Direttiva \(UE\) 2019/1158](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE. L-Istati Membri jridu jkunu ttrasponew id-Direttiva sa Awwissu 2022.

- Il-Qafas strateġiku tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol 2021-2027 jirrappreżenta l-istrateġija tal-UE biex ittejjeb is-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema abbażi wkoll tat-tagħlimiet meħuda mill-pandemija tal-COVID-19. Filwaqt li għandu l-għan li jindirizza l-bidliet fid-dinja tax-xogħol, itejjeb il-prevenzjoni ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol, u jżid l-istat ta' tħejjija għal kriżijiet tas-saħħa futuri potenzjali, il-Qafas qed ikun strumentali fil-koordinazzjoni tal-aġġornamenti tal-oqfsa legali fl-Istati Membri, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali fejn rilevanti<sup>22</sup>.
- Id-Direttiva tal-2022 dwar pagi minimi adegwati għandha l-għan li tistabbilixxi qafas komuni għall-adegwatezza tal-pagi minimi statutorji, il-promozzjoni tan-negozjar kollettiv dwar l-iffissar tal-pagi u l-aċċess effettiv tal-ħaddiema għad-drittijiet għall-protezzjoni tal-paga minima, mingħajr preġudizzju għar-rispett sħiħ għall-awtonomija tas-sħab soċjali. Id-Direttiva tistabbilixxi qafas ta' governanza għall-istabbiliment u l-aġġornament tal-pagi minimi statutorji ggwidat minn kriterji ċari li għandhom jinkludu l-kapaċità tal-akkwist, id-distribuzzjoni u l-livelli tal-pagi tagħhom, it-tkabbir fil-pagi, u l-produttività, u tirrikjedi li l-Istati Membri li fihom ir-rata ta' negozjar kollettiv tkun inqas minn 80 % jistabbilixxu pjan ta' azzjoni biex jippromwovu n-negozjar kollettiv<sup>23</sup>.

<sup>22</sup> Komunikazzjoni dwar "[Qafas strateġiku tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol 2021-2027 - is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali għal dinja tax-xogħol li qed tinbidel](#)", 28 ta' Ġunju 2021.

<sup>23</sup> Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea. L-Istati Membri għandhom jittrasponu d-Direttiva sa Novembru 2024. Fl-2023 tħejja [rapport](#) dwar it-traspożizzjoni tagħha.

- Dan l-aħħar, ir-*Rakkomandazzjoni tal-2023 dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali* għandha l-għan, fost l-oħrajn, li tipprovdi gwida lill-Istati Membri dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv fil-livell nazzjonali<sup>24</sup>. Ir-Rakkomandazzjoni tikkomplementa l-isforzi mġedda biex jissaħħa id-djalogu soċjali fil-livell tal-Unjoni<sup>25</sup>, kif ukoll il-finanzjament iddedikat tal-UE mill-*Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE +)* biex jittejjeb it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sħab soċjali fl-Istati Membri fejn din hija sfida prominenti<sup>26</sup>.

11. **Filwaqt li dawn l-inizjattivi kkontribwew għal kundizzjonijiet aktar ekwi madwar l-Unjoni, il-valutazzjoni tal-impatt tal-iżviluppi teknoloġiċi rapidi fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-emerġenza ta' riskji okkupazzjonali ġodda assoċjati mat-tibdil fil-klima jibqgħu prijoritajiet ta' politika ewlenin.** Fil-fatt, minkejja l-opportunitajiet li jirriżultaw mill-avvanzi teknoloġiċi, għad hemm inċertezzi dwar il-proliferazzjoni progressiva tax-xogħol fuq il-pjattaformi, l-intelliġenza artifiċjali, u l-ġestjoni algoritmika fuq id-dinamika tal-post tax-xogħol. Bħal fis-snin reċenti, it-tali inċertezzi jistgħu jkomplu joħolqu riskji għall-interpretazzjoni u l-applikazzjoni xierqa tal-liġijiet nazzjonali tax-xogħol, b'mod partikolari foqasma bħall-ħin tax-xogħol, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, l-allokazzjoni tal-kompiti, u l-klassifikazzjoni tal-istatus fl-impjieg ta' ċerti ħaddiema. Fir-rigward tas-saħħa u s-sikurezza, aktar adattament għar-regolamenti u l-oqfsa rilevanti jista' jkollu bżonn jinkorpora aħjar kemm ir-riskji psikosoċjali marbuta mat-tranżizzjoni diġitali, inkluż l-impatti negattivi fuq is-saħħa mentali, kif ukoll perikli speċifiċi li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima (fil-każ ta' impjegi assoċjati mal-esponiment għal kundizzjonijiet estremi tat-temp) billi jinkoraġġixxi l-prevenzjoni tagħhom, minbarra li jħaffef l-istabbiliment ta' standards minimi rigward sustanzi perikolużi.

---

<sup>24</sup> [Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2023](#) dwar *it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea*. L-implimentazzjoni tagħha ser tiġi mmonitorjata mill-EMCO - f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali - mill-2025, meta l-Istati Membri jkunu mistennija jippreżentaw l-ewwel rappor.

<sup>25</sup> Iddettaljat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "[Insaħħu d-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea: nisfruttaw il-potenzjal kollu tiegħu biex niksbu tranżizzjonijiet ġusti](#)", 25 ta' Jannar 2023.

<sup>26</sup> Ara r-[Regolament \(UE\) 2021/1057](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-*Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+)* u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013. L-Artikolu 9 jindika li meta t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sħab soċjali jiġi identifikat minn rakkomandazzjoni rilevanti speċifika għall-pajjiż adottata skont is-Semestru Ewropew, l-Istat Membru kkonċernat għandu jalloka mill-inqas 0.25 % tar-riżorsi tiegħu tal-fergħa tal-FSE + taħt ġestjoni kondiviża għal dak l-għan.

12. **Lil hinn mill-adattamenti possibbli għar-regolamenti dwar is-saħħa u s-sikurezza, l-indirizzar tar-riskji potenzjali ta' kundizzjonijiet tax-xogħol li sejrin għall-agħar jista' jeħtieġ inizjattivi tal-UE, li jirrispettaw bis-sħiħ il-mudelli nazzjonali tas-suq tax-xogħol, kif ukoll l-involvement aktar b'saħħtu tas-sħab soċjali u mekkaniżmi ta' infurzar aktar effettivi.** Biex jindirizzaw uħud mir-riskji relatati mad-diġitalizzazzjoni ulterjuri tax-xogħol, fi Frar 2024 il-Kunsill u l-Parlament Ewropew laħqu ftehim għal *Att dwar l-IA*. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni tal-UE tista' tirrikjedi aġġornamenti<sup>27</sup> biex tallinja aħjar id-dispożizzjonijiet tagħha mal-era diġitali, bħad-dritt għall-iskonnessjoni u l-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi. L-inizjattivi biex tittejjeb il-kapaċità li jiġu identifikati l-frodi u l-abbuż, kif ukoll il-kapaċità u l-kooperazzjoni transfruntiera tal-ispettorati nazzjonali tax-xogħol jistgħu jikkontribwixxu wkoll għal tiġib ulterjuri tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluż fir-rigward tat-trawwim ta' mobbiltà ġusta tal-forza tax-xogħol madwar l-Unjoni. F'dan ir-rigward, l-evalwazzjoni li jmiss tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol tirrappreżenta opportunità biex issir riflessjoni dwar l-iżvilupp ulterjuri tagħha<sup>28</sup>. Fir-rigward tad-djalogu soċjali, ir-*Rakkomandazzjoni* tal-2023 tfittex li tiżgura ambjent favorevoli għal djalogu soċjali bipartitiku u tripartitiku fil-livelli kollha. Madankollu, ix-xejriet li qed jonqsu fid-densità tat-trade unions, is-sehem baxx ta' ħaddiema koperti minn ftehimiet kollettivi fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, it-tnaqqis fis-sehem tal-pagi, kif ukoll in-nuqqas persistenti ta' ftehimiet fil-livell tal-Unjoni bejn is-sħab soċjali tal-UE, jistgħu jirrikjedu aktar sforzi f'din id-direzzjoni<sup>29</sup>. It-tisħiħ tal-involvement tal-impjegati u r-rwol tas-sħab soċjali huwa indispensabbli biex jiżdied ir-rwol attiv fil-ġestjoni u l-aċċettazzjoni tat-tranżizzjonijiet ewlenin attwali u futuri. F'dan il-kuntest, fost l-oħrajn, l-iżvilupp ta' azzjonijiet tal-UE li jtejbu r-rappreżentanza tal-kategoriji sottorappreżentati fid-djalogu soċjali jista' jiġi esplorat f'konformità mal-prattiki nazzjonali.

---

<sup>27</sup> Bħad-[Direttiva 2003/88/KE tal-4 ta' Novembru 2003](#) li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol u d-[Direttiva 2002/14/KE tal-11 ta' Marzu 2002](#) li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea.

L-[Awtorità Ewropea tax-Xogħol \(ELA\) ġiet stabbilita fl-20 ta' Ġunju 2019](#) biex tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fl-applikazzjoni u l-infurzar effettivi tagħhom tad-dritt tal-Unjoni relatat mal-mobbiltà tal-forza tax-xogħol madwar l-Unjoni u l-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali fl-Unjoni. Fl-2024, il-Kummissjoni ser tippreżenta l-ewwel evalwazzjoni dwar l-attivitatijiet tal-ELA.

<sup>29</sup> Wara s-[Summit Soċjali ta' Val Duchesse](#), fil-31 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni, il-Presidenza Belġjana tal-Kunsill u s-sħab soċjali Ewropej qablu li jniedu *Patt għad-Djalogu Soċjali Ewropew* ġdid biex jidentifikaw kif jista' jissaħħaħ aktar id-djalogu soċjali fil-livell tal-Unjoni.

## Protezzjoni soċjali u inklużjoni

13. **It-tielet kapitolu tal-Pilastru appoġġa politiki li jsaħħu l-protezzjoni soċjali adegwata u jsaħħu l-inklużjoni soċjali permezz ta' diversi rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill u inizjattivi importanti oħra mmirati lejn il-protezzjoni u l-għoti tas-setgħa lin-nies biex jimmaniġġjaw diversi sitwazzjonijiet vulnerabbli.**

- *Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal<sup>30</sup> tal-2021* hija inizjattiva ewlenija biex jiġi indirizzat il-faqar fost it-tfal u jitrawmu opportunitajiet indaqs, jiġi stabbilit qafas għal riformi ta' politika u tiġi evitata u miġġielda l-esklużjoni soċjali minn ġenerazzjoni għall-oħra minn età bikrija billi jiġi żgurat aċċess liberu u effettiv għat-tfal li jeħtieġu diversi servizzi, bħall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, l-edukazzjoni u l-attivitajiet ibbażati fl-iskola, mill-inqas ikla waħda tajba għas-saħħa kull jum tal-iskola, u l-kura tas-saħħa. L-implimentazzjoni tagħha ġiet appoġġata minn investimenti b'allokazzjoni delimitata tar-riżorsi tal-UE flimkien ma' diversi inizjattivi tal-UE relatati mat-tfal, bħal pereżempju *r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2022 dwar ir-reviżjoni tal-miri ta' Barċellona dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal<sup>31</sup>* li tistabbilixxi l-miri (oġħla) ġodda għall-2030.
- *Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom<sup>32</sup>* kienet l-ixprun biex jiġu influwenzati l-politiki u l-miżuri nazzjonali għall-adattament għall-bidliet fis-swieq tax-xoġhol u jiġi żgurat l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għal kulħadd, irrispettivament mill-istatus fl-impjieġ. L-implimentazzjoni tal-inizjattiva hija appoġġata minn attivitajiet ta' tagħlim reċiproku fil-livell tal-Unjoni u t-titjib tal-istatistika tal-UE permezz ta' qafas ta' monitoraġġ iddedikat.

---

<sup>30</sup> [Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021](#) li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal.

<sup>31</sup> [Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022](#) dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal: il-miri ta' Barċellona għall-2030.

<sup>32</sup> [Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019](#) dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom.

- *Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva*<sup>33</sup> tal-2023, tappella lill-Istati Membri jippromwovu appoġġ adegwat għall-introjtu bħala parti mill-impenn kontinwu biex jitnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali fl-UE. Hija kienet qed tiggwida l-azzjonijiet fil-livell nazzjonali biex jittejbu l-adegwatezza, il-kopertura u l-użu tal-benefiċċji flimkien ma' aċċess aħjar għal servizzi essenzjali u abilitanti għal dawk l-aktar il-bogħod mis-suq tax-xogħol, inkluż il-miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol u servizzi soċjali mmirati u personalizzati.
- *L-Istrateġija Ewropea għall-Kura*<sup>34</sup> tal-2022, bir-Rakkomandazzjoni korrispondenti tal-Kunsill dwar kura fit-tul affordabbli ta' kwalità għolja<sup>35</sup> tipprovdi qafas għal riformi u investimenti fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali biex jiġu żgurati servizzi ta' kura ta' kwalità, affordabbli u aċċessibbli madwar l-UE u tittejjeb is-sitwazzjoni kemm għar-riċevituri tal-kura kif ukoll għall-persuni li jieħdu ħsiebhom. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kura fit-tul tistieden lill-Istati Membri biex itejbu l-aċċess għal kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja għal dawk kollha li jeħtiġuha, billi jiżguraw protezzjoni soċjali adegwata għall-kura fit-tul, jallinjaw kontinwament l-offerta ta' servizzi mal-ħtiġijiet, jiżguraw standards ta' kwalità għolja fl-ambjenti kollha tal-kura irrispettivament mit-tip ta' fornituri, jappoġġaw impjegi ta' kwalità u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti fis-settur, jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-ħiliet u n-nuqqas ta' ħaddiema, u jappoġġaw lill-persuni li jindukraw b'mod informali fl-attivitajiet ta' indukrar tagħhom.

<sup>33</sup> [Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Jannar 2023](#) dwar *introjtu minimu adegwat li jiżgura l-inklużjoni attiva*.

<sup>34</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-"[Istrateġija Ewropea għall-Kura](#)", 7 ta' Settembru 2022.

<sup>35</sup> [Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022](#) dwar *l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja*.



- *L-istrateġija tal-2021 dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità 2021-2030*<sup>36</sup> fiha sett ambizzjuż ta' azzjonijiet u inizjattivi ewlenin f'diversi oqsma, li jindirizzaw ukoll ir-riskji tal-esklużjoni soċjali li jiffaċċjaw il-persuni b'diversi diżabilitajiet. It-twertiq ta' dawn l-inizjattivi ser jikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-diskriminazzjoni, jappoġġa lill-persuni b'diżabilità biex igawdu bis-sħiħ id-drittijiet soċjali tagħhom, u jippermetti aktar l-indipendenza tagħhom, billi jtejjeb il-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol. Aktar reċentement, il-*Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità*<sup>37</sup> proposti ser jappoġġaw l-inklużjoni soċjali tagħhom madwar l-Unjoni.

---

<sup>36</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "[Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030](#)", 3 ta' Marzu 2021.

<sup>37</sup> [COM/2023/512 Proposta għal Direttiva](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità*.

- Azzjonijiet oħra fil-livell tal-UE jikkontribwixxu għall-monitoraġġ tal-iżviluppi tal-politika f'konformità mal-Linji Gwida dwar l-Impjegi u jispiraw riformi ta' politika, bħat-twettiq regolari tar-*Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet*<sup>38</sup> u *Rapport dwar il-Kura fit-Tul*<sup>39</sup>, li jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni u prattiki u jikkomplementaw ir-Rapport dwar it-Tixjiħ, mogħti mill-*filière* tal-ECOFIN. Il-*Pjattaforma Ewropea għall-ġlieda kontra l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar*<sup>40</sup> immedija fl-2021 għandha rwol ewlieni fil-livell tal-UE biex issaħħaħ l-evidenza dwar il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar u l-monitoraġġ tagħha, tappoġġa t-tagħlim reċiproku biex tippromwovi politiki bbażati fuq approċċ iċċentrat fuq il-persuna, immexxi mill-akkomodazzjoni u integrat u tesplora l-aċċess għall-finanzjament, inkluż il-finanzjament tal-UE. B'mod ġenerali, il-forniment ta' servizzi abilitanti fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali, li jikkomplementaw id-diversi benefiċċji, għandu rwol importanti kif imfakkar mill-inizjattivi kollha. Barra minn hekk, il-*Komunikazzjoni dwar valutazzjoni aħjar tal-impatt distributtiv tal-politiki tal-Istati Membri*<sup>41</sup> tipprovdi gwida għall-Istati Membri dwar kif l-aħjar iwettqu valutazzjonijiet tal-impatt distribuzzjonali fuq l-introjtu ta' gruppi soċjoekonomiċi differenti u jinkorporawhom fil-proċessi tat-tfassil tal-politika tagħhom u tistabbilixxi proċess għall-iżvilupp ulterjuri tal-metodoloġiji eżistenti flimkien mal-Istati Membri.

---

<sup>38</sup> L-aħħar edizzjoni triennali tal-2021 tar-[Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet](#).

<sup>39</sup> [2021 Long-Term Care Report](#), imħejji mill-Kummissjoni u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali.

<sup>40</sup> Id-Dikjarazzjoni ta' Liżbona dwar il-[Pjattaforma Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Kundizzjoni ta' Persuni Mingħajr Dar](#) tal-21 ta' Ġunju 2021.

<sup>41</sup> *Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Valutazzjoni aħjar tal-impatt distributtiv tal-politiki tal-Istati Membri"*, 28 ta' Settembru 2022.

14. **Filwaqt li l-faqar baqa' stabbli mingħajr titjib sinifikanti bħala medja u l-faqar fost it-fal żdied bi ftit, jinħolqu sfidi addizzjonali minħabba x-xejriet demografiċi, it-trasformazzjonijiet tas-suq tax-xogħol, l-għadd dejjem jikber ta' persuni bi kwistjonijiet ta' saħħa mentali, u ż-żieda fl-għoli tal-ħajja.** Is-sostenibbiltà tal-istat soċjali għandha l-isfida tal-megatendenzi demografiċi kontinwi fis-soċjetà li qed tixjieħ, bil-ħtieġa konsegwenti li jiġu rikonċiljati l-adeqwatezza u s-sostenibbiltà, inkluż fis-sistemi tal-pensjonijiet, tas-saħħa u tal-kura fit-tul. It-trasformazzjonijiet tas-suq tax-xogħol, li jwasslu għal karrieri aktar diversi, mhux lineari u frammentati lil hinn mill-arranġamenti standard tax-xogħol, iwasslu għal sfidi akbar biex tiġi ggarantita protezzjoni soċjali adegwata għal kulħadd. It-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jirrappreżentaw opportunità għat-titjib tal-protezzjoni soċjali u l-forniment tas-servizzi soċjali iżda jżidu wkoll ir-riskju fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-inklużjoni soċjali ta' persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. Għad hemm sfidi strutturali fir-rigward tal-ġlieda kontra l-faqar u l-prekarjetà ta' persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, b'mod partikolari għall-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità u li jbatu minn problemi ta' saħħa mentali. Il-problema ta' persuni mingħajr dar għadha kwistjoni ta' tħassib f'ħafna Stati Membri, flimkien mal-isfidi relatati mal-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, il-faqar enerġetiku u l-għoli tal-ħajja li jħallu impatt fuq firxa wiesgħa ta' persuni, iżda l-aktar dawk bi dħul baxx, li jitolbu strateġiji integrati u segwitu fil-livell tal-UE. L-appoġġ għall-familji u l-protezzjoni tat-tfal mill-faqar u l-esklużjoni soċjali huma dejjem aktar importanti biex titkisser it-trażmissjoni interġenerazzjonali tal-faqar, u b'hekk l-azzjonijiet f'aktar implimentazzjoni u monitoraġġ tal-*Garanzija Ewropea għat-Tfal* huma kruċjali. Filwaqt li l-aċċess għas-servizzi soċjali (inkluż l-indukrar tat-tfal u l-kura fit-tul) huwa kruċjali fil-promozzjoni tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u fl-indirizzar tal-esklużjoni soċjali, għad hemm sfidi f'dan is-sens, b'mod partikolari biex jintlaħqu l-gruppi l-aktar żvantaġġati biex itejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien tagħhom, iżidu l-użu tagħhom tal-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali u jiffaċilitaw l-attivazzjoni. Bl-istess mod, il-persuni fir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali jiffaċċjaw diffikultajiet fl-aċċess għas-servizzi essenzjali.

15. **Filwaqt li l-firxa wiesgħa ta' inizjattivi eżistenti titlob segwitu u monitoraġġ bir-reqqa, aktar sforzi biex jiġu implimentati, flimkien ma' azzjonijiet ġodda possibbli, jistgħu jsaħħu r-reżiljenza tal-istati soċjali.** Biex jiġu indirizzati l-isfidi demografiċi, aktar titjib tal-forniment ta' servizzi soċjali affordabbli u ta' kwalità jista' jibbenefika minn azzjoni fil-livell tal-UE, filwaqt li jitqiesu l-kuntesti nazzjonali u d-diviżjoni tal-kompetenzi. Dan jista' jinkludi l-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-forza tax-xogħol fis-settur tal-kura, il-kunsiderazzjoni tal-inugwaljanzi territorjali, l-esplorazzjoni tal-opportunitajiet fid-diġitalizzazzjoni, u l-isforzi għad-deistituzzjonalizzazzjoni. Il-*Qafas Volontarju Ewropew tal-Kwalità għas-Servizzi Soċjali* jistħoqqlu reviżjoni biex jittejjbu r-rilevanza u l-użu tiegħu, flimkien ma' aktar ħidma fuq l-aċċess għal servizzi essenzjali. Huma meħtieġa wkoll sforzi kontinwi biex tittejjeb l-adeqwatezza tas-sistemi tal-pensjonijiet b'mod partikolari biex tiġi indirizzata l-inugwaljanza bejn il-ġeneri u jiġu rikonċiljati d-dimensjonijiet tal-adeqwatezza u tas-sostenibbiltà fiskali. Koordinazzjoni msaħħa bejn it-twettiq tar-*Rapport dwar it-Tixjiħ*, ir-*Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet* u r-*Rapport dwar il-Kura fit-Tul* tiżgura l-komplementarjetà u l-koerenza tal-monitoraġġ. F'konformità mar-*Rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar il-futur tal-protezzjoni soċjali*, enfasi fuq l-approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja u fuq l-investiment soċjali tista' tappoġġa t-titjib tar-reżiljenza madwar l-UE<sup>42</sup>. L-indirizzar tal-isfidi fit-trasformazzjonijiet tas-suq tax-xogħol jitlob it-titjib kontinwu ta' sistemi nazzjonali adegwati ta' protezzjoni soċjali u l-modernizzazzjoni tal-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali fl-UE. Għalhekk, hija prijorità ewlenija li jiġu intensifikati t-tagħlim reċiproku, il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni ulterjuri tar-*Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom*, inkluż fir-rigward tal-opportunitajiet u l-isfidi tad-diġitalizzazzjoni fil-protezzjoni soċjali, filwaqt li tiġi rispettata d-diversità tas-sistemi nazzjonali ta' protezzjoni soċjali. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tar-*Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura l-inklużjoni attiva* jenħtieġ li jkollha rwol fl-iżvilupp ulterjuri tax-xibka ta' sikurezza soċjali li tiżgura protezzjoni bażika tal-popolazzjoni attiva - b'mod partikolari matul xokkijiet ekonomiċi - filwaqt li tiffaċilita tranżizzjonijiet bla xkiel għas-suq tax-xogħol ta' dawk li jistgħu jaħdmu u tindirizza l-faqar fost dawk li jaħdmu.

<sup>42</sup> [Ir-rapport](#) tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Futur tal-Protezzjoni Soċjali u tal-Istat Soċjali fl-UE tlesta f'Janjar 2023.

Għandhom jittieħdu aktar passi biex tiġi żviluppata t-tieni fażi ambizzjuża tal-*Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità*, filwaqt li għal persuni bi kwistjonijiet ta' saħħa mentali, nistgħu nibnu aktar fuq l-*Approċċ Komprensiv għas-Saħħa Mentali*. It-tiżiħ tal-metodoloġiji għall-valutazzjoni tal-impatti tal-politika fuq il-faqar, b'mod partikolari l-użu u t-tixrid tal-valutazzjonijiet tal-impatt distributtiv, jidher qasam fejn tista' tiġi esplorata azzjoni ulterjuri. It-titjib tal-puntwalità u d-disponibbiltà tad-data u l-iffaċilitar tal-aċċess jippermettu wkoll it-tiżiħ tal-monitoraġġ tas-sitwazzjoni soċjali fl-UE u l-appoġġ għall-iżvilupp tal-politika bbażat fuq l-evidenza.

## Governanza

16. **Is-Semestru Ewropew għandu jibqa' l-qafas ewlieni għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Pilastru, inkluż fir-rigward tal-progress miksub lejn il-miri tal-UE u dawk nazzjonali għall-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar.** Il-miri tal-2030 qed jikkontribwixxu b'mod sinifikanti biex jappoġġaw l-identifikazzjoni tal-prijoritajiet ta' politika fil-livell nazzjonali u jtejbu l-viżibbiltà tad-dimensjoni soċjali tal-Unjoni. Il-bosta inizjattivi tal-UE adottati f'dawn l-aħħar snin biex jiġu implimentati l-prinċipji tal-Pilastru sawwru b'mod sinifikanti l-aġenda tal-EMCO u l-KPS, li spiss ġew ikkonsultati dwar il-proposti futuri mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-EMCO u l-KPS ġew fdati wkoll mill-Kunsill biex jimmonitorjaw l-implimentazzjoni ta' bosta Rakkomandazzjonijiet, minbarra t-tnejn tal-proċedimenti annwali tal-Kunsill relatati mas-Semestru Ewropew imsemmi fl-Artikolu 148 TFUE. Fil-futur, kif enfasizzat mill-*Opinjoni dwar il-valur miżjud tal-investiment soċjali u r-rwol tal-filière tal-Kunsill EPSCO fil-governanza tas-Semestru Ewropew tal-EMCO u l-KPS*, approvata mill-Kunsill f'Novembru 2023<sup>43</sup>, huwa importanti li jiġu żgurati kooperazzjoni effettiva u riflessjonijiet konġunti bejn il-*filières* tal-EPSCO u tal-ECOFIN tal-Kunsill dwar is-Semestru Ewropew, inkluż fid-dawl tal-implimentazzjoni futura tal-governanza ekonomika l-ġdida tal-UE.

---

<sup>43</sup> Ara l-[Opinjoni tal-EMCO u l-KPS dwar il-valur miżjud tal-investiment soċjali u r-rwol tal-filière tal-Kunsill EPSCO fil-governanza tas-Semestru Ewropew](#), approvata mill-Kunsill fit-28 ta' Novembru 2023.

Sabiex tinżamm in-natura multilaterali tas-Semestru u s-sjieda tal-Istati Membri tal-analiżi u r-rakkomandazzjonijiet fih, il-*filière* tal-Kunsill EPSCO, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat, għandu jżomm ir-rwol ta' koordinazzjoni tiegħu fir-rigward tal-kontenut rilevanti tad-dokumenti kollha fil-qafas tas-Semestru. L-esplorazzjoni ta' titjib fl-għodod ta' monitoraġġ użati fis-Semestru, inkluż it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali għandha titkompla mingħajr ma jiżdied il-piż amministrattiv<sup>44</sup>. F'dan il-kuntest, iċ-ċiklu tal-2024 tas-Semestru Ewropew jinkludi analiżi pilota tal-konverġenza soċjali bbażata fuq il-karatteristiċi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali, kif deskritt fil-*Messaġġi Ewlenin* tal-EMCO u l-KPS ippreżentati lill-Kunsill f'Ġunju 2023<sup>45</sup>.

17. **Ix-xokkijiet eċċezzjonali li ffaċċjat l-Unjoni f'dawn l-aħħar snin - b'mod partikolari l-pandemija tal-COVID-19, il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, ir-ritorn ta' inflazzjoni għolja u l-prominenza tad-diżastri naturali f'xi Stati Membri - spiss ċajpru d-demarkazzjoni bejn l-oqsma ta' politika, filwaqt li fakkru fil-ħtieġa li tiġi żgurata l-koerenza tal-politika fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali.**

---

<sup>44</sup> Kif deskritt fl-[Opinjoni korrispondenti tal-EMCO u l-KPS](#), għalkemm ir-reviżjoni tal-2021 tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali tejbet il-kopertura tal-prinċipji tal-Pilastru fost l-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni, xi prinċipji għadhom mhux koperti u huma meħtieġa aktar diskussjonijiet dwar jekk għandhomx jiġu inklużi indikaturi "sekondarji". Barra minn hekk, fil-[valutazzjoni tal-EMCO u l-KPS dwar l-Istrateġija Ewropa 2020](#) li saret fl-2019, il-Kumitati enfasizzaw il-ħtieġa li jiġu ssimplifikati u kkonsolidati l-għodod ta' monitoraġġ tagħhom, inkluż billi jittejbu l-viżibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-użu tagħhom: bi tweġiba għal din is-sejħa, il-gruppi indikaturi tal-EMCO u l-KPS bħalissa qed jirriflettu dwar l-użu u l-kompożizzjoni tal-għodod ta' monitoraġġ u rapportar tagħhom.

<sup>45</sup> Ara r-[Rapport tal-Grupp ta' Ħidma EMCO u l-KPS dwar il-Qafas ta' Konverġenza Soċjali](#) kif ukoll il-[Messaġġi Ewlenin](#) approvati mill-EMCO u l-KPS abbażi tar-rapport. L-EMCO u l-KPS ser jeżaminaw l-impatt tal-analiżi pilota msemmija hawn fuq rigward l-attivitajiet tagħhom u fuq iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2024.

F'dan il-kuntest, id-dibattiti li għaddejjin fil-*filière* tal-Kunsill EPSCO dwar il-valur miżjud tal-politiki ta' investiment soċjali – kif definit fl-Opinjoni relatata tal-EMCO u l-KPS ta' Novembru 2023 – laqgħu l-evidenza li turi li, jekk jitfasslu tajjeb, ir-riformi u l-investimenti bbażati fuq approċċ ta' investiment soċjali<sup>46</sup> jista' jkollhom impatt sostanzjali fuq it-tkabbir ekonomiku, il-produttività, u l-kompetittività, u b'hekk jappoġġaw ukoll is-sostenibbiltà fiskali filwaqt li jippromwovu l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru. Min-naħa l-oħra, politiki u miżuri li ma jkollhomx valutazzjonijiet tal-impatt distribuzzjonali *ex ante* jistgħu jwasslu għal effetti żgħar jew insinifikattivi, jew fl-aġar każijiet għal effetti negattivi fuq l-introjtu tal-unitajiet domestiċi, b'konsegwenzi mhux intenzjonati ta' riskji akbar ta' faqar u inugwaljanzi soċjali<sup>47</sup>. F'dan il-kuntest, il-kooperazzjoni effettiva fost il-*filières* tal-Kunsill hija essenzjali biex tiġi żgurata l-koerenza tal-politika fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali. Barra minn hekk, jistgħu jkunu meħtieġa sforzi mġedda biex jittejjeb it-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza biex jinqabdu dawn l-effetti, fl-isfond tal-isfidi strutturali kkawżati mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u mit-tixjiħ tal-popolazzjoni. B'mod partikolari, minbarra l-opportunitajiet imtejba ta' taġħlim reċiproku, l-oqsma rilevanti ta' esplorazzjoni fil-livell tal-Unjoni biex jappoġġaw il-kapaċità amministrattiva tal-Istati Membri f'dan ir-rigward jistgħu jkunu l-iżvilupp ta' prinċipji u standards ta' gwida komuni għall-użu volontarju tal-Istati Membri. Dawn għandhom jiffukaw fuq l-użu ta' metodoloġiji tal-valutazzjoni tal-impatt u tal-evalwazzjoni relatati mal-politiki ta' investiment soċjali u l-użu msaħħaħ tad-data amministrattiva biex tinġabar statistika tal-UE u nazzjonali aktar f'waqtha, armonizzata u granulari, b'diżaggregazzjoni aħjar, u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-mikrodata filwaqt li tiġi żgurata l-konformità mar-regolamenti dwar il-protezzjoni tad-data.

---

<sup>46</sup> Kif imfakkar fl-*Opinjoni tal-EPSCO u l-KPS dwar l-investiment soċjali* approvata f'Novembru 2023, il-*ħidma* preċedenti mwettqa mill-Kunsill – li tista' tintuża biex fuqha titkompla l-*ħidma* – iddefinixxiet l-approċċ ta' investiment soċjali bħala t-tfassil tas-suq tax-xogħol, il-*hillet* u l-politiki soċjali biex jissaħħu l-kapaċitajiet attwali u futuri tal-individwi, b'enfasi fuq l-iffaċilitar taġħhom u l-iżvilupp tal-kapaċità taġħhom li jindirizzaw ir-riskji soċjoekonomiċi f'perspettiva tul il-*ħajja*.

<sup>47</sup> F'Settembru 2022, il-Kummissjoni ppubblikat [Komunikazzjoni dwar valutazzjoni aħjar tal-impatt distributtiv tal-politiki tal-Istati Membri](#). Din il-Komunikazzjoni tipprovdi gwida lill-Istati Membri dwar kif l-aħjar iwettqu valutazzjonijiet tal-impatt distributtiv fuq l-introjtu ta' gruppi soċjoekonomiċi differenti u jinkorporawhom fil-proċessi tat-tfassil tal-politika taġħhom. Din tistabbilixxi proċess għall-iżvilupp ulterjuri tal-metodoloġiji eżistenti flimkien mal-Istati Membri u tippreżenta l-appoġġ li tista' tipprovdi l-Kummissjoni lill-Istati Membri.

18. **L-użu tal-fondi tal-UE appoġġa lill-Istati Membri fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni ta' miżuri f'oqsma relatati mal-prinċipji tal-Pilastru, inkluż wara l-kriżi ekonomika f'daqqa li rriżultat mill-pandemija tal-COVID-19.** Il-programmi tal-politika ta' koeżjoni, u b'mod partikolari l-FSE+, għandhom ikomplu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru u r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż kif identifikati fis-Semestru, f'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali, biex jappoġġaw miżuri u investimenti b'mod partikolari fir-reġjuni inqas żviluppatti tal-Ewropa. L-importanza tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni kibret maż-żmien ukoll minħabba x-xejra ta' tnaqqis tal-investimenti pubbliċi fl-Unjoni bejn l-2008 u l-2019<sup>48</sup>. Abbażi tal-projezzjonijiet tal-Kummissjoni, iċ-ċiklu 2021-2027 huwa mistenni li johlq 1.3 miljun impjieg addizzjonali sal-2027, b'rata annwali ta' redditu ta' madwar 3.4 % fuq 25 sena mill-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni u effetti kollaterali pożittivi sinifikanti madwar ir-reġjuni tal-UE<sup>49</sup>. Matul il-pandemija tal-COVID-19, l-Istati Membri bbenefikaw minn flessibbiltà msaħħa li kkontribwiet biex tiġi indirizzata l-pessjoni kbira fuq is-servizzi tal-kura tas-saħħa u jiġu appoġġati n-negozji, filwaqt li jiġi evitat aktar telf ta' impjiegi u effetti ċikatriċi għall-ħaddiema affettwati<sup>50</sup>. L-irkupru ekonomiku kompli jissaħħaħ bl-istabbiliment ta' *SURE* u l-*Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza* bħala strumenti temporanji tal-Unjoni, b'din tal-aħħar integrata fis-Semestru Ewropew sal-2026 biex tipprovdi appoġġ finanzjarju għar-riformi u l-investimenti li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni, fost prijoritajiet oħra tal-UE, tal-prinċipji tal-Pilastru wkoll. B'ħarsa 'l quddiem, u minkejja d-diskussjoni dwar il-mod kif ġie ffinanzjat<sup>51</sup>, l-esperjenza ta' *SURE* u l-evalwazzjoni kontinwa tiegħu jistgħu jipprovdu tagħlimiet għall-effettività ta' skemi futuri tal-UE.

---

<sup>48</sup> Ara d-[Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar "Cohesion in Europe towards 2050 – Eight report on economic, social and territorial cohesion"](#), ippubblikat fl-2022.

<sup>49</sup> Ara [Dokument ta' Ħidma tal-Persunal 'Cohesion 2021-2027: forging an ever stronger Union – Report on the outcome of 2021-2027 cohesion policy programming'](#), tal-Kummissjoni, ippubblikat f'April 2023.

<sup>50</sup> Permezz tal-[Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus \(CRII\)](#) u l-[Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus Plus \(CRII +\)](#), adottati f'Marzu u f'April 2020, rispettivament.

<sup>51</sup> L-EMCO u l-KPS iqisu li l-mekkaniżmu ta' finanzjament speċifiku ta' *SURE*, permezz tal-ġoti ta' self lill-Istati Membri b'termini favorevoli, huwa l-ewwel u qabel kollox kwistjoni għall-*filière* tal-ECOFIN tal-Kunsill.



## Il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

### Kapitolu I - Opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol

#### 1. L-Edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja

Kulħadd għandu d-dritt għal edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità u inklużivi sabiex iżomm u jakkwista ħiliet li jippermettulu jipparteċipa b'mod sħiħ fis-soċjetà u jimmaniġġja b'suċċess tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol.

#### 2. Ugwaljanza bejn il-ġeneri

Għandha tiġi żgurata u titrawwem l-ugwaljanza fit-trattament u fl-opportunitajiet bejn in-nisa u l-irġiel fl-oqsma kollha, inkluż fir-rigward tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, fit-termini u fil-kundizzjonijiet tal-impjiegi u fil-progressjoni tal-karriera.

In-nisa u l-irġiel għandhom id-dritt għal paga indaqs għal xogħol ta' valur ugwali.

#### 3. Opportunitajiet indaqs

Irrispettivament mis-sess, mill-oriġini razzjali jew etnika, mir-reliġjon jew mit-twemmin, minn diżabbiltà, mill-età jew mill-orjentament sesswali, kulħadd għandu d-dritt għal trattament u opportunitajiet indaqs fir-rigward tal-impjiegi, tal-protezzjoni soċjali, tal-edukazzjoni u tal-aċċess għal prodotti u servizzi disponibbli għall-pubbliku. Għandhom jitrawmu opportunitajiet indaqs ta' gruppi li mhumiex irrappreżentati biżżejjed.

#### 4. Appoġġ attiv għall-impjiegi

Kulħadd għandu d-dritt għal assistenza f'waqtha u mfassla apposta biex jittejjbu l-prospetti ta' impjiegi jew ta' impjiegi indipendenti. Dan jinkludi d-dritt li wieħed jirċievi appoġġ għal tfittxija, taħriġ u kwalifikazzjoni mill-ġdid ta' xogħol. Kulħadd għandu d-dritt li jittrasferixxi l-protezzjoni soċjali u l-intitolamenti ta' taħriġ matul tranżizzjonijiet professjonali.

Iż-żgħażaġh għandhom id-dritt għal edukazzjoni, apprendistat, traineeships kontinwi jew offerta ta' xogħol tajjeb fi żmien erba' xhur minn meta jiġu qiegħda jew jitilqu mill-iskola.

In-nies qiegħda għandhom id-dritt għal appoġġ personalizzat, kontinwu u konsistenti. Dawk qiegħda fit-tul għandhom id-dritt għal valutazzjoni individwali fil-fond sa mhux aktar tard minn 18-il xahar ta' qgħad.

## **Kapitolu II - Kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti**

### **5. Impjieg sigur u adattabbli**

Irrispettivament mit-tip u d-durata tar-relazzjoni tax-xogħol, il-ħaddiema għandhom id-dritt għal trattament ġust u ugwali fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali u t-taħriġ. Għandha titrawwem it-tranżizzjoni lejn forom ta' impjieg miftuħa.

Skont il-leġiżlazzjoni u l-ftehimiet kollettivi, għandha tiġi żgurata l-flessibbiltà neċessarja biex l-impjegaturi jadattaw malajr għal bidliet fil-kuntest ekonomiku.

Għandhom jitrawmu forom innovattivi ta' xogħol li jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol ta' kwalità. Għandhom jitħeġġu l-intraprenditorija u l-impjiegi indipendenti. Għandha tiġi ffaċilitata l-mobbiltà okkupazzjonali.

Għandhom jiġu evitati relazzjonijiet tax-xogħol li jwasslu għal kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, inkluż bil-projbizzjoni ta' abbuż ta' kuntratti atipiċi. Kwalunkwe perjodu ta' prova għandu jkun ta' durata raġonevoli.

### **6. Il-pagi**

Il-ħaddiema għandhom id-dritt għal pagi ġusti li jipprovdu għal standard ta' għajxien deċenti.

Għandhom jiġu żgurati pagi minimi adegwati, b'mod li jipprovdu għas-sodisfazzjon tal-bżonnijiet tal-ħaddiem u tal-familja tiegħu/tagħha fid-dawl tal-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali nazzjonali, filwaqt li jiġi ssalvagwardjat l-aċċess għall-impjiegi u l-inċentivi għat-tiftix għal xogħol. Għandu jiġi evitat il-faqar fost dawk li jaħdmu.

Il-pagi kollha għandhom ikunu stabbiliti b'mod trasparenti u prevedibbli skont il-prattiki nazzjonali u waqt li jirrispettaw l-awtonomija tas-sħab soċjali.

## **7. Informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-impjeg u l-protezzjoni f'każ ta' sensja**

Il-ħaddiema għandhom id-dritt li jiġu infurmati bil-miktub fil-bidu tal-impjeg dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mir-relazzjoni tax-xogħol, inkluż dwar il-perjodu ta' probazzjoni.

Qabel kwalunkwe sensja, il-ħaddiema għandhom id-dritt li jiġu infurmati bir-raġunijiet u li jingħataw perjodu ta'avviż raġonevoli. Huma għandhom id-dritt għall-aċċess għal riżoluzzjoni ta' tilwim effettiva u imparzjali u, f'każ ta' sensja mhux ġustifikata, dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat.

## **8. Id-djalogu soċjali u l-involviment tal-ħaddiema**

Is-sħab soċjali għandhom jiġu kkonsultati dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki ekonomiċi, tal-impjegji u soċjali skont il-prattiki nazzjonali. Dawn għandhom jitħeġġu jinnegożjaw u jikkonkludu ftehimiet kollettivi fi kwistjonijiet rilevanti għalihom, filwaqt li jirrispettaw l-awtonomija tagħhom u d-dritt għal azzjoni kollettiva. Fejn xieraq, il-ftehimiet konklużi bejn is-sħab soċjali għandhom jiġu implimentati fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.

Il-ħaddiema jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom id-dritt li jiġu infurmati u kkonsultati fi żmien xieraq dwar kwistjonijiet rilevanti għalihom, b'mod partikolari dwar it-trasferiment, ir-ristrutturar u l-fużjoni ta' impriżi u dwar sensji kollettivi.

Għandu jitħeġġeġ l-appoġġ għal żieda fil-kapaċità tas-sħab soċjali biex jippromwovu d-djalogu soċjali.

## **9. Il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata**

Ġenituri u nies b'responsabbiltajiet ta' kura għandhom id-dritt għal liv xieraq, arranġamenti tax-xogħol flessibbli u aċċess għal servizzi ta' kura. In-nisa u l-irġiel għandu jkollhom aċċess ugwali għal liv speċjali sabiex jissodisfaw ir-responsabbiltajiet ta' kura tagħhom u għandhom jiġu mħeġġa jużawhom b'mod bilanċjat.

## **10. Ambjent tax-xogħol tajjeb għas-saħħa, sigur u adattat sew u protezzjoni tad-data**

Il-ħaddiema għandhom id-dritt għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tagħhom fuq ix-xogħol.

Il-ħaddiema għandhom id-dritt għal ambjent tax-xogħol adattat għall-bżonnijiet professjonali tagħhom u li jippermettilhom itawlu l-parteċi-pazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

Il-ħaddiema għandhom id-dritt li d-data personali tagħhom tkun protetta fil-kuntest tax-xogħol.

## **Kapitolu III - Protezzjoni soċjali u inklużjoni**

### **11. Indukrar tat-tfal u appoġġ għat-tfal**

It-tfal għandhom id-dritt għal edukazzjoni bikrija tat-tfal affordabbli u kura ta' kwalità tajba.

It-tfal għandhom id-dritt għall-protezzjoni mill-faqar. It-tfal li ġejjin minn ambjent żvantaġġat għandhom id-dritt għal miżuri speċifiċi biex jissaħħu l-opportunitajiet indaqs.

### **12. Il-protezzjoni soċjali**

Irrispettivament mit-tip u mid-durata tar-relazzjoni tax-xogħol tagħhom, il-ħaddiema, u f'ċerti kundizzjonijiet simili, il-ħaddiema għal rashom, għandhom id-dritt għal protezzjoni soċjali adegwata.

### **13. Il-benefiċċji tal-qgħad**

Dawk qiegħda għandhom id-dritt għal appoġġ tal-attivazzjoni adegwat mis-servizzi pubbliċi tal-impjiegi sabiex jintegraw (mill-ġdid) fis-suq tax-xogħol u għal benefiċċji adegwati tal-qgħad ta' durata raġonevoli, f'konformità mal-kontribuzzjonijiet u mar-regoli ta' eliġibbiltà nazzjonali tagħhom. Dawn il-benefiċċji ma għandhomx jikkostitwixxu diżinċentiv għal ritorn ta' malajr għax-xogħol.

#### **14. L-introjtu minimu**

Kull min ma għandux riżorsi suffiċjenti għandu d-dritt għal benefiċċji minimi ta' introjtu adegwati li jiżguraw ħaġġa f'dinjità fl-istadji kollha tal-ħaġġa, u għal aċċess effettiv għal prodotti u servizzi abilitanti. Għal dawk li jistgħu jaħdmu, il-benefiċċji ta' introjtu minimu għandhom jitħalltu ma' inċentivi għall-integrazzjoni (mill-ġdid) fis-suq tax-xogħol.

#### **15. L-introjtu u l-pensjonijiet tax-xjuħija**

Il-ħaddiema u l-ħaddiema għal rashom li rtiraw għandhom id-dritt għal pensjoni proporzjonali għall-kontribuzzjonijiet tagħhom u li tiżgura introjtu adegwat. In-nisa u l-irġiel għandu jkollhom opportunitajiet indaqs biex jakkwistaw id-drittijiet għall-pensjoni.

Kull persuna anzjana għandha d-dritt għal riżorsi li jiżguraw l-għajxien b'dinjità.

#### **16. Il-kura tas-saħħa**

Kulħadd għandu d-dritt għal aċċess f'waqtu għal kura tas-saħħa affordabbli, preventiva u kurattiva ta' kwalità tajba

#### **17. L-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà**

Il-persuni b'diżabbiltà għandhom id-dritt għal appoġġ għall-introjtu li jiżgura l-għajxien b'dinjità, servizzi li jippermettulhom jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà, u ambjent tax-xogħol adattat għall-bżonnijiet tagħhom.

#### **18. Il-kura fit-tul**

Kulħadd għandu d-dritt għal servizzi ta' kura fit-tul affordabbli ta' kwalità tajba, b'mod partikolari għal servizzi ta' kura fid-djar u bbażati fil-komunità.

## **19. Akkomodazzjoni u għajjnuna għall-persuni mingħajr dar**

Għandu jiġi provdut aċċess għal akkomodazzjoni soċjali jew għajjnuna għall-akkomodazzjoni ta' kwalità tajba għal dawk fil-bżonn.

Il-persuni vulnerabbli għandhom id-dritt għal għajjnuna u protezzjoni xierqa kontra t-tkeċċija furzata.

Għandhom jiġu pprovduti kenn u servizzi adegwati lill-persuni mingħajr dar sabiex tiġi promossa l-inklużjoni soċjali tagħhom.

## **20. L-aċċess għal servizzi essenzjali**

Kulħadd għandu d-dritt li jkollu aċċess għal servizzi essenzjali ta' kwalità tajba, inkluż l-ilma, is-sanitazzjoni, l-enerġija, it-trasport, is-servizzi finanzjarji u l-komunikazzjonijiet diġitali. Għandu jkun disponibbli l-appoġġ għall-aċċess għal dawn is-servizzi għal dawk fil-bżonn.